MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Numru. 743/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Raymond D’Anastas)**

**v**

**Joseph Pace ta’ 51 sena bin Anthony u Anges nee Zammit imwieled Birkirkara f-20/09/1952 u joqghod Fliegu Court, Flat 1, Triq il-Madonna ta’ Lourdes, Nadur, Gozo jew Edera, Triq il-Paguni, Balzan detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 702652 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Pace li gie akkuzat talli fit-8 ta’ Marzu, 2002 u/jew matul is-

snin/xhur precedenti bhala propjetarju, u/jew amministratur tal-fond “Consolidated Biscuits”, Mriehel Ind. Est. Mriehel limiti ta’ Hal Qormi, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jew fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b’mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom setgha twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq tal-kurrent elettriku li jammonta ghal Lm 16264.42c liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u bl-ammont u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Barra minn dan, akkuzat ukoll talli, matul l-istess perjodu kkaguna hsara volontarja fl-istess meter.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi tapplika wkoll il-provedimenti li hemm fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li l-Avukat Generali baghat il-kunsens ghal proceduri sommarji u li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi skond dak li jirrizulta mill-Inkjesta Magisterjali l-impjegati ta’ Enemalta marru jzuru l-Consolidated Biscuits fuq surprise visit. Min-naha l-ohra pero’ meta xehed l-akkuzat minn jeddu dana spjega illi din l-inspection kienet wahda fil-kors normali tal-qari tal-maximum demand reading.

Issa l-espert tal-Qorti (allura gia nominat fl-inkjesta), spjega illi kien difficli anke improbabbli illi kif kien

pozizzjonat il-loose connection tal-wire li nstab loose fil-cabinet tal-meter, li dana setgha facilment jintlahaq minn id umana. Terga' u tghid anke kif jidher mir-rirtratti esebiti dok JP1 sa JP5 a fol 54 l-istruttura ta' dan il-cupboard kienet ta' wiehed twil u dejjaq mill-fond, u l-uniku access ghall-wires u meter maghluqa bla ma tkisser is-sigilli kienet minn fuq. Fil-fatt is-sigilli ma nstabux miksura u l-ghatu ta' fuq ta' dan il-cupboard qatt ma twahhal mill-Ufficjali ta' Enemalta. Tant li qabel anke l-espert tal-Qorti li fl-istess ghatu ma kienx hemm toqob ghal pop rivets. Fil-fatt mir-ritratti esebiti jidher bic-car illi l-wires kienu certament mikxufa ghal zmien twil u dan minhabba l-ammont ta' trab li jinsab fuqhom. Ghalhekk stante li l-uniku access, li wiehed setgha kellu ghal dan il-loose connector kien minn fuq, bil-fors kien jinhtieg li l-persuna li baghbset dan il-connection kellha tkun ta' proporzjonijiet ferm twal u li zgur tifhem fid-dawl biex tinnaviga dawk il-wires u connections kollha li jinsabu fil-cabinet u li minnhom kien ghaddej l-elettriku.

Dan l-ezercizzju ovvjament sar mid-Difiza biex jigi stabbilit l-improbabilita' li l-akkuzat baghbas il-connection ta' l-hekk imsejjah wire ahmar. Dan ovvjament bi skop li tigi maghluba l-prezunzjoni kreata fl-artikolu 264(2) tal-Kapitlu 9. (Przunzjoni iuris tantum li tqieghed l-onu tal-prova sal-grad tal-probabbli fuq l-akkuzat). Pero' dan il-prezunzjoni tirrigwarda biss prova illi d-detentur tal-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dak l-uzu jew konsum ta' ".....kurrent elettriku..." (art 264(2) Kapitlu 9).

Ghalhekk il-prezunzjoni tolqot biss ix-xjenza ta' l-uzu ilegittimu tal-kurrent elettriku. Jibqa' jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li sal-grad ta' ebda dubju dettat mir-raguni, tipprova l-account ta' elettriku f'dan il-kaz misruq.

Il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz fuq dan il-punt kienet tramite certu Ian Vella, accountant mal-Korporazzjoni allegatament misruqa. Pero' dan Vella forsi anke ghax ir-regoli ghal kamp kriminali huma aljeni ghalih, wiegeb illi huwa kien wasal ghal ammont dovut

(a) mhux ghax qatt ra loose connection hu

(b) fuq dak li xehed il-fitter u dan li kkonkluda l-espert tal-Qorti
(c) bla ma qatt hu kellu konoxxenza diretta ta’ dak li kienet il-load fil-fabbrika
(d) ammettendo illi hu ma kienx jaf bl-ezatt fir-realta’ l-ammont ta’ elettriku li ma giex registrat, anzi ammettendo wkoll illi huwa kien qed jaghti biss averege tas-somma li kellha tkun dovuta lil Enemalta. Certament ix-xhud ma ghandux ebda xjenza tal-prova necessarja fil-kamp kriminali a differenza ta’ dik fil-kamp civili.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda ghar-ragunijiet premessi tillibera lil Joe Pace mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------